



Dokument ta' sessjoni

A9-0027/2023

8.2.2023

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (12895/2022 – C9-0369/2022 – 2022/0301(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Lena Düpont

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq
(12895/2022 – C9-0369/2022 – 2022/0301(NLE))**

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12895/2022),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (12896/2022),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(b) u (d), l-Artikolu 72(2)(c) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0369/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0027/2023),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

NOTA SPJEGATTIVA

a. Kuntest

Il-proposta għad-deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tapprova l-ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq kif previst fir-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Wieheċ mill-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") huwa li tikkoopera ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta "inkluż permezz tal-istazzjonament operazzjonali possibbli ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f'pajjiżi terzi". L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament sa fejn ikun meħtieġ għall-issodisfar tal-kompiti tagħha u tista' twettaq azzjonijiet relatati mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta' pajjiż terz soġġett għal ftehim ma' dak il-pajjiż terz.

L-iskop tal-ftehim dwar l-istatus huwa li jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-tweqqif tal-azzjonijiet tal-Aġenzija f'pajjiżi terzi. Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, f'ċirkostanzi li jeħtieġu l-istazzjonament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta f'pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Skont ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u kif imsemmi fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament, il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha COM(2021)829, ippreżentat mudell ta' ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 li fih dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tweqqif ta' azzjonijiet fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Il-ftehim dwar l-istatus mal-Maċedonja ta' Fuq huwa bbażat fuq il-mudell li fasslet il-Kummissjoni.

Fis-17 ta' Jannar 2023 il-Kummissjoni infurmat lir-rapporteurs bil-progress li sar fin-negozjati għall-ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq. Il-Ftehim ġie ffirmat fis-26 ta' Settembru 2022 fi Skopje.

b. Pożizzjoni tar-rapporteur

Fl-eqel tal-kriżi tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati fl-2015, mijiet ta' eluf ta' persuni li jfittxu l-ażil u migranti waslu fl-Unjoni Ewropea mill-Balkani tal-Punent, u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq kienet fuq waħda mir-rotot primarji għall-moviment imħallat irregolari. Din ir-rotta għadha attiva u l-għadd uffiċjali ta' wasliet irregolari fil-Maċedonja ta' Fuq fl-2021 huwa 20 874.

Ir-rapporteur tqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet formali u ġuridikament vinkolanti fil-qafas tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, għall-kuntrarju tal-arranġamenti bilaterali, hija ta' importanza kruċjali sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-iskrutinju pubbliku u s-sorveljanza demokratika ta' tali kooperazzjoni. Madankollu, kwalunkwe ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jitqies b'attenzjoni, għandu jkollu valur miżjud u għandu jkun strettament

neċessarju u proporzjonat f'termini ta' skop u ta' kontenut.

Għalhekk, dan il-Ftehim dwar l-Istatus huwa kruċjali, mhux biss biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-kooperazzjoni operazzjonali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mal-pajjiżi terzi, iżda wkoll biex jingħata appoġġ lill-isforzi tal-awtoritajiet tal-Maċedonja ta' Fuq u jiġi żgurat qafas ċar għall-kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha.

Il-Ftehim dwar l-Istatus għandu jiżgura wkoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jenfasizza d-dmir tal-membri tat-tim li jirrispettaw bis-siġħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, speċifikament fir-rigward tal-aċċess għall-proċeduri tal-ażil, tad-dinjità tal-bniedem u tal-projbizzjoni tat-tortura, tat-trattament inuman jew degradanti, tad-dritt għal-libertà, tal-prinċipju ta' non-refoulement u tal-projbizzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, tad-drittijiet tat-tfal u tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja fl-ambitu tal-ftehim.

Barra minn hekk, l-Aġenzija u l-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq kull wieħed għandu jkollhom mekkaniżmu ta' rapportar tal-inċidenti li jippermetti r-rapportar f'waqtu ta' kwalunkwe inċident li jiltaqa' miegħu matul attività operazzjonali mwettqa skont dan il-Ftehim. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija għandu jimmonitorja l-konformità ta' kull attività operazzjonali mal-istandards applikabbli tad-drittijiet fundamentali. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, jew l-viċi tiegħu, jista' jagħmel żjarat fuq il-post fil-pajjiżi terzi; għandu jipprovi wkoll opinjonijiet dwar il-pjanijiet operazzjonali u jinforma lid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija dwar ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali relatati ma' attività operazzjonali. Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq għandha tappoġġa l-isforzi ta' monitoraġġ tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, kif mitlub.

Id-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jirtira l-finanzjament tal-attività operazzjonali rilevanti, u/jew jissospendiha jew itemmha, wara li jkun informa lir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq jekk iqis li l-ksur ta' drittijiet fundamentali jew tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali li huwa ta' natura gravi jew li x'aktarx jipersisti seħħ jew x'aktarx iseħħ fir-rigward ta' attività operazzjonali mwettqa fl-ambitu ta' dan il-Ftehim.

Fid-dawl tal-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus, ir-rapporteur tistieden lill-Kummissjoni tqiegħed fil-pront għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dokumenti kollha li huma neċessarji għall-Parlament biex iwettaq il-ħidma istituzzjonali tiegħu, inkluża l-valutazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq. Dan ikun jiżgura trasparenza u skrutinju pubbliku xieraq u sorveljanza demokratika ta' ftehimiet bħal dawn.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur tqis li l-ftehim dwar l-istatus propost huwa konsistenti mal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus kif previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontenut u d-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim finali.

Peress li dan il-ftehim dieħel fil-fażi ta' implimentazzjoni, il-Parlament jitlob li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet imwettqa bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus, u jfakkar lill-Aġenzija fl-obbligu tagħha li tinkludi valutazzjoni tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fir-rapporti annwali tagħha skont l-Artikolu 73(8) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1896.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur tirrakkomanda li l-Parlament japprova l-abbozz

tat-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq
Referenzi	12895/2022 – C9-0369/2022 – 2022/0301(NLE)
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni	28.10.2022
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 9.11.2022
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 9.11.2022
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	AFET 8.11.2022
Rapporteurs Data tal-ħatra	Lena Düpont 30.11.2022
Eżami fil-kumitat	31.1.2023
Data tal-adozzjoni	6.2.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 40 - : 10 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Katarina Barley, Theresa Bielowski, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Annika Bruna, Lena Düpont, Lucia Āuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, Dietmar Köster, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemec, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Thijs Reuten, Miguel Urbán Crespo, Axel Voss
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Aurélia Beigneux, Milan Brglez, Katalin Cseh, Marie Dauchy, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Vlad Gheorghe, Martin Hojsík, Max Orville, Mounir Satouri
Data tat-tressiq	8.2.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

40	+
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, José Manuel Fernandes, Tomasz Frankowski, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Alessandra Mussolini, Janina Ochojska, Paulo Rangel, Axel Voss, Javier Zarzalejos
S&D	Katarina Barley, Milan Brglez, Paolo De Castro, Maria Grapini, Evin Incir, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Bielowski, Matjaž Nmec, Thijs Reuten, Isabel Santos, Elena Yoncheva
Renew	Katalin Cseh, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Martin Hojsik, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Max Orville, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu
ID	Aurélia Beigneux, Annika Bruna, Susanna Ceccardi, Marie Dauchy, Tom Vandendriessche
ECR	Patryk Jaki

10	-
Verts/ALE	Patrick Breyer, Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Mounir Satouri, Tineke Strik
The Left	Cornelia Ernst, Anne-Sophie Pelletier, Miguel Urbán Crespo

3	0
S&D	Dietmar Köster
The Left	Konstantinos Arvanitis
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni